MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Numru. 148/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Keith Arnaud]**

**vs**

**Victor Degabriele**

**Kumpilazzjoni Numru: 148/2010**

**Illum, 25 ta’ April, 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Victor Degabriele, ta’ 26 sena, iben Peter u Maryann nee’ Camilleri, imwieled il-Pieta’, nhar l-1 ta’ Frar, 1984 u residenti fil-fond Seafront 101, Basement Apartment, Dawret Ix-Xatt, Xghajra u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 191384(M);

Akkuzat talli nhar it-13 u l-14 ta’ Jannar, 2010, minn gewwa r-residenza Man flats, numru 4, Triq Karmenu Penza, Xghajra, ikkommetta serq ta’ flus u oggetti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Nazzareno Mercieca u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imama huma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta’ Nazzareno Mercieca u/jew persuna jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli huwa sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U aktar talli kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza ghal erba’ snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr.Miriam Hayman LL.D fl-14 ta’ Gunju, 2007.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura kif mahsub f’l-artikoli:

1. 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
5. 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq li sehh matul il-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Jannar 2010 a dannu ta' certu Nazzareno Mercieca.

Illi skond Nazzareno Mercieca huwa hareg mid-dar tar-residenza tieghu nhar it-13 ta' Jannar 2010 ghall-habta tas-7.00pm u rritorna l-ghada filghodu ghall-habta tal-5.00am. Meta dahal rrealizza li l-bieb ta'l-appartament tieghu kien sgassat u li kien hemm hafna taqlib fil-kmamar; ghamel verifiki u sab li kienu insterqu madwar sitt elef Euro fi flus kontanti u xi oggetti ohra inkluz video camera, mobile phone u zewg gizirani tad-deheb; fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Qorti dawn l-oggetti semma'. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li meta Mercieca mar l-ghassa jaghmel rapport huwa lis-surgent semmilu l-flus kontanti u z-zewg gizirani tad-deheb; meta kien qed jaghti d-depozizzjoni tieghu lill-espert nominat f'l-atti ta' l-inkjesta huwa semma' biss il-flus kontanti. Meta Mercieca kien qed ikellem lill-ufficjal prosekutur semma' li nsterqu ukoll arloggi ta' l-idejn inkluz arlogg tal-marka Fossil; il-kaxxa ta' dan l-arlogg ma nsterqitx imma nstabet fuq is-sodda.

Illi fuq din il-kaxxa giet elevata impronta digitali li tqabel mal-marka tas-saba l-kbira ta' id ix-xellugija ta' l-imputat, fatt konfermat mill-esepert (Joseph Mallia) nominat minn din il-Qorti. Il-prosekuzzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet odjerni fuq din l-impronta, partikolarment wara li Nazzareno Mercieca sostna li hu qatt ma dahhal lil hadd f'l-appartament fejn kien jghix hlif il-partner li kellu u li ghamlet zmien tghix mieghu, habib wiehed jismu Terry; gieli gew xi familjari tal-partner peress li kienet barannija. Qal li minbarra dawn in-nies l-unika persuna ohra li dahlet

f’l-appartament kienet rapprezentant tad-ditta “Go” u dan f’okkazzjoni wahda. Dwar l-imputat Nazzareno Mercieca jghid hekk:

*Ilni nafu minn wiccu ilni nafu daqsxejn, imma inklemmu hekk fejn naraw lil xulxin insellmu lil xulxin, jew inkella nidhol, kellu dak il-habta hanut huh, kont nieqaf u narah henmhekk iwa u nkellmu ftit. Anki sahansitra kellu bzonn elfejn Euro … u sellifthomlu*

Mercieca kompla jzid li pero l-imputat qatt ma dahal ghandu u li l-unika kuntatt li kellhom kien dak hawn fuq deskritt.

Illi l-imputat da parti tieghu jinnega li huwa kellu xi involvement f’din is-serqa. Meta huwa rrilaxxja stqarrija qal li dak in-nhar tas-serqa huwa kien qieghed ma’ nies ohra qed jaghmlu tattoo u damu hafna. Aktar minn hekk jghid li hu dahal ghand Nazzareno Mercieca kemm il-darba u li kien imur hemm biex jixtri d-droga minghand l-istess Mercieca. Din l-asserzjoni Degabriele ghamilha wara li gie imwissi mill-konsegwenzi li tista’ ggib pero huwa kien lest jaffaccja dawn il-konsegwenzi tant li ghamel stqarrija ohra guramentata f’liema stqarrija ta aktar dettalji dwar dak li kien jigri f’l-appartament ta’ Mercieca meta kien imur ghandu jixtri d-droga. L-imputat jghid ukoll li Reno kien urih hafna affarijiet fid-dar tant li kien kapaci jiddeskrivi numru ta’ affarijiet u fejn kienu jinstabu. L-imputat jghid li anke meta ssellef il-flus minghand Mercieca dan tah il-flus meta kienu f’l-appartament tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-partijiet jaqblu li r-rizoluzzjoni ta’ dan il-kaz tiddependi fuq kwistjoni ta’ kredibilita. M’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li s-serqa sehhet, hekk kif m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fuq dik il-kaxxa tad-ditta Fossil kien hemm l-impronta ta’l-imputat. Fil-verita din l-impronta hija l-unika prova li tista’ torbot lill-imputat mas-serqa in ezami; kemm tista’ titqies bhal prova sufficjenti biex jigi sodisfatt l-oneru li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni jiddependi fuq kemm

jistghu jinghataw kredibililta Nazzareno Mercieca min-naha u l-imputat min-naha l-ohra. Fi kliem iehor jekk il-Qorti ser temmen lil Mercieca meta jghid li l-imputat qatt ma dahal ghandu allura dik l-impronta wahedha tista' titqies bhala prova sufficjenti li kien l-imputat li kkommetta s-serqa. Min-naha l-ohra jekk ser temmen lill-imputat f'l-asserzjoni tieghu li huwa dahal diversi drabi ghand Mercieca (u li fil-hin tas-serqa kien qed jaghmel tattoo) allura dik l-impronta wahedha ma tistax titqies bhala prova sufficjenti.

Illi tressqu diversi persuni ohra li bil-mod taghhom pruvaw jikkoroboraw iz-zewg verzjonijiet: Katja Kokinas in sostenn ta' dak li allega Mercieca; Conrad Mizzi, Johann Cassar, Meverick Debono u Joseph Agius in sostenn ta' dak li qal l-imputat dwar it-tpingija.

Illi naturalment il-Qoti ma tistax tinsa fattur iehor li fil-fehma taghha jassumi certa importanza, u cioe r-raguni li ta l-imputat ghalfejn kien imur ghand Mercieca. L-imputat ghazel li jesponi lilu nnifsu ghal procediment gudizjarju meta ghazel li jammetti li hu kien jixtri droga minghand Nazzareno Mercieca u li kien ghalhekk li kien imur ghandu b'certa regolarita. L-imputat seta' prova jiggustifika l-prezenza ta' dik l-impronta billi jghid li huwa mar ghand Mercieca meta issellef il-flus min ghandu[1] u jieqaf hemm.

Illi meta tqis dan kollu l-Qorti jibqalha dak li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiddeskrivi bhala *lurking doubt* dwar kemm tista' taghti kredibilita lil Nazzareno Mifsud.

Illi tenut kont ta' dan, u tenut kont tal-principju li *in dubbio pro reo*, l-Qort hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad tal-prova rikjest mil-Ligi u konsegwentement ma tistax jinghad li l-imputazzjonijiet addebietati lill-imputat gew pruvati.

---

[1] Fil-waqt li Mercieca jammetti li silef flus lill-imputat jinnega li hu tah il-flus f'l-appartament tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------